# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Ottubru 2020

**Rikors Numru : 60/2020 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**KS**

**vs.**

**LS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' KS datat 13 ta' Frar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Il-kontendenti żżewġu nhar is-6 ta' Ġunju, 2004 u dan kif inhu konfermat fiċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u markat bħala Dok. A.*

*Minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom tifla, SS li twieldet nhar Y u dan kif inhu konfermat miċ-ċertifiakt tat-twelid hawn anness u market bħala DOK B. Attwalment, il-minuri S għandha l-eta' ta' Y-il sena.*

*Il-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt datat 9 ta' Diċembru, 2015 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Carmel Gafa (kopja hawn annessa u markata bħala DOK Ċ). Effettivament il-partijiet ilhom de facto separati mit-13 ta' April, 2014, meta għar-raġunijiet varji, l-esponenti telqet mid-dar matrimonjali.*

*M'hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata*

*minn xulxin.*

*Filwaqt li m'hemm l-ebda obbligu ta' sommistrazzjoni ta' manteniment fil-konfront tal-kontendenti, il-manteniment li jitħallas mill-konvenut għall-minuri S, dejjem tħallas b'mod puntwali.*

*In vista tal-fatti suesposti, il-kontendenti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għalhekk l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

*Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien imħolli mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrati fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2020, l-intimat deher mhux assistit u l-Qorti spjegat lilu d-drittijiet tieghu, izda hu ddikjara li ma jehtiegx avukat u mhux qed jopponi ghad-divorzju. (vide fol 30);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**KS** xehdet bil-guramet permezz tal-affidavit (fol 26) illi hija zzewwget lil LS nhar is-6 ta' Gunju

2004 u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, llum ghandha 13-il sena. Xehdet illi hija u zewgha ilhom isseparati de facto mit-13 ta' April, 2014 meta hi stess telqet mid-dar, izda sseparaw permezz ta' kuntratt nhar id-9 ta' Dicembru 2015. Xehdet illi ma hemmx ċans ta' rikonċiljazzjoni stante li ilhom snin twal mifrudin u il-ghaliex illum jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Di piu', sostniet illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment tat-tifla peress li l-intimat dejjem hallas b'mod puntwali. Ghal rigward ta' manteniment bejn il-konjugi, ziedet tghid illi fil-kuntratt tas-separazzjoni huma kienu irrinunzjaw li jircievu manteniment minghand xulxin.

**LS** xehed bil-gurament u permezz tal-affidavit (fol 27) fejn ikkonferma dak li xehdet KS.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Ġunju 2004 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, li ghadha minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Gafa' nhar id-9 ta' Dicembru 2015. Di piu', mix-xhieda tal-kontendenti jirrizulta li l-partijiet ilhom de facto sseparati mit-13 ta' April 2014, meta l-attrici telqet mid-dar. Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**